# In-Nar tal-Festa ta' San Filep u l-Kamra tan-Nar tal-Kandlora

Tagħrif miġbur minn Philip Agius



L-istaġun tas-sajf, minbarra s-sħana u l-baħar, għalina l-Maltin u l-Għawdxin iġib miegħu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi titulari u sekondarji mxerrdin mal-ibliet u l-irħula kollha ta dawn il-gzejjer. Bosta minn dawn il-festi, għajr għal xi waħdiet, ġew trasferiti għal matul il-ġimgħat kalmi u sħan li jġib miegħu l-istaġun tas-sajf. Dan ġara sabiex dawn il-festi jkunu jistgħu jitgawdew iżjed u dak li jiġi armat issirlu l-inqas ħsara possibbli.

Fost il-ħwawar li bihom huma mżejnin il-festi, fit-taqsima msejħa 'esterna,' 'il barra mill-bibien tal-Parroċċa, l-element li l-aktar jispikka hu l-arti piroteknika jew kif ħafna jirreferu għalih, il-logħob tan-nar.

## In-Nar tal-Bidu

Għaż-żmien bikri, l-ewwel li tiġi quddiem għajnejk hi l-ħuġġieġa. Il-kittieba li kitbu fuq dan is-suġġett ilkoll jaqblu li l-ħuġġieġa kienet titqabbad biex tifrex id-dawl tagħha madwar il-post partikulari fejn tkun qed issir il-festa. Bis-saħħa t'hekk il-qalba taċ-ċelebrazzjonijiet kienu jitwalu iktar filgħaxija. Barra minn hekk, hu fatt magħruf sewwa li n-nar bħala element joħloq sensazzjoni imqanqla u għalhekk joħroġ l-emozzjonijiet moħbija fil-qalb tal-bniedem u b'hekk jiċċelebra iktar mis-soltu.

Xi snin ilu f'waħda mill-ħarġiet tal-ktieb tal-programm tal-festa mill-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851 kont ktibt li "Wieħed jista' jgħid li n-nar tal-festa beda bil-ħruq tal-ħġejjeġ, bit-torċi, biċ-ċrieki tat-tiben u saħansitra b'xi qatta' silla jew b'xi qatta xewk." Dan l-argument ikompli jsaħħu Dun Salv Caruana fil-kitba tiegħu "Ġrajjiet u Tifkiriet mill-Imgħoddi" fejn jgħid li "l-logħob tan-nar tal-festa kien jikkonsisti f'ħuġġieġa li għaliha l-Knisja kienet tixtri l-ħatab." U jekk immorru iktar 'il bogħod u naraw x'kiteb San Luqa fl-Atti tal-Appostli u li kien fuq l-istess ġifen ma' San Pawl meta nkaljaw f'Malta fis-sena 60 W.K. insibu li qal "Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġabu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard."

## Il-Logħob tan-Nar jasal ġewwa l-Ewropa

Jingħad li l-logħob tan-nar kien daħal ġewwa l-Ewropa mill-famuż vjaġġatur Marco Polo li għex mis-sena 1254 sas-sena 1324. Dan il-vjaġġatur li qatta' ħajtu kollha fuq il-baħar jesplora artijiet mhux magħrufa, fid-dokument li hu ħalla miktub għall-perjodu ta' snin li dam jivvjaġġa jtenni li kien inżamm arrestat għal madwar sbatax-il sena sħaħ fil-pajjiż 'Kubla Khan.' Matul dawn is-snin, fost il-ħafna affarijiet li kien innota bir-reqqa fl-użanzi u d-drawwiet tan-nies ta' dik l-art, kien ħa interess sewwa fil-ħruq tan-nar li kienu jagħmlu waqt il-festi li huma kienu jiċċelebraw. Tant kien ħa interess f'dan il-qasam

li saħansitra kien daħal jara kif kien jinħadem dan in-nar u spiċċa jgħin fil-manifattura tiegħu.

Marco Polo, ma kienx kuntent biss li kien akkwista t-tagħrif dwar kif kien jinħadem in-nar, iżda wkoll iddokumentah taħt forom ta' riċetti, li mbagħad meta rritorna lejn Venezja, malajr xerridhom fost ħbiebu. Dawn ir-riċetti malajr ingħoġbu u hekk saru l-ewwel taħlitiet ta' dan ix-xogħol ġewwa l-Italja.[1]



Grupp li fl-1925 kien jaħdem in-nar fis-St. Philip Fireworks Factory li kienet ġiet liċenzjata fl-1920

## L-Għeruq Tagħna

Sabiex nidħlu fil-ġrajja ta' niesna, irridu nirrakkontaw li sas-sena 1372, f'dawn l-inħawi kienu mibnija ftit djar foqra mxerrdin ma' tlett irħula żgħar iżda viċin xulxin u magħrufin bħala Ħal Dwin, Ħal Mula u Ħal Muxi. Kienu għadhom tista' tgħid mingħajr knisja, għajr waħda ċkejkna ddedikata lill-Madonna tal-Kandlora li kienet tinsab mibnija f'post mhux milħuq sewwa.

Kien qiegħed jiġri li n-nies ta' dawn il-postijiet kienu jippreferu jmorru fuq ix-xaqliba l-oħra, fi knisja żgħira iżda fil-qrib biex jisimgħu l-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd. Kif jingħad li ġara, Ħadd fost l-oħrajn kien inqala' xi tilwim bejnhom u bejn in-nies tal-inħawi tal-knisja fejn kienu jmorru. Huma ħaduha tant bi kbira li meta kienu tilgħin fi triqithom lura lejn darhom bdew jitmasħnu sewwa u jgħidu "Nibnu knisja għalina."

Ċertu negozjant, Filippu minn Katanja, li kien emigra xi snin qabel minn Sqallija kien iżżewweġ għand il-familja Mamo u waqqaf id-dar tiegħu f'waħda mill-oqsma tal-art li kellu, bejn it-tlett irħula li semmejna. Meta l-ġemgħa kienet waslet fejn l-għelieqi li hu kellu offrielhom li jagħtihom l-art u l-flus għall-bini tal-knisja l-ġdida, basta din tiġi ddedikata lil Alla taħt il-ħarsien ta' Filippu t'Aġġira, il-qaddis protettur tiegħu. In-nies tal-inħawi kienu aċċettaw. U hekk ġara. Hawnhekk irridu nsemmu wkoll is-sehem ta' żewġ Isqfijiet Taljani Benedittini li kienu servew fl-Abbazija t'Aġġira u li kienu nħatru mexxejja tal-Knisja Maltija fiż-żmien li hi kienet tagħmel mad-Djoċesi ta' Palermo, biex dan il-kult iseħħ. Mal-bini tal-knisja, in-nies bdew jibnu madwarha u maż-żmien ifforma raħal imdaqqas, li maż-żmien għaqqad flimkien lit-tlett irħula żgħar. Hekk mis-siġar taż-żebbuġ abbandunati ngħata isem ġdid, dak ta' Ħaż-Żebbuġ, raħal twelidna.[2]

## L-Ewwel Festi

F'Malta f'dawk iż-żminijiet l-istakkamenti tad-dejma armati bl-ixkubetti tagħhom, kienu l-mezz waħdani għaż-żamma tas-sigurtà ta' poplu żgħir imxerred mal-kampanja meta kien iseħħ xi nżul għall-għarrieda mill-furbani. Allura, issa li Ħaż-Żebbuġ iktar ma jmur kien qiegħed jikber, twaqqaf wieħed mill-ikbar u l-aqwa stakkament tad-dejma li kien hawn.

Nistgħu ngħidu li mat-tmiem tal-bini tal-knisja, bdiet issir festa devozzjonali lil San Filippu t'Aġġira. Il-ħġejjeġ li kienu jitqabbdu biex idawlu u jsebbħu l-ambjent flimkien mal-istakkament Żebbuġi tad-dejma taw sehem biex isebbħuha. Huma kienu jikkargaw il-

mosketti, jiffurmaw żewġ ringieli fejn xulxin wiċċ imb wiċċ u jisparawhom wieħed wara l-ieħor fl-ajru fost l-għors taż-Żebbuġin. Din kienet l-ewwel eżekuzzjoni ta' għamla tal-logħob tan-nar għall-festa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ.[3]

## Żmien il-Kavallieri

L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, hija magħrufa għall-grandjożità u l-pompożità li bihom kienet tiċċelebra kemm xi pussess ta' xi Gran Mastru jew Papa, kemm xi wild irjali u kemm xi inawgurazzjoni ta' xi proġett ġdid jew xi rebħa fuq l-għadu. Dan l-iffesteġġjar kien jispiċċa b'xi serati li kienu jispiċċaw b'wirjiet tan-nar.

Il-Maltin kienu jattendu bi ħġarhom iżda ma kienx ikollhom x'jaqsmu max-xogħol ta' dan in-nar. Però kien qiegħed jiġri li dak li l-poplu Malti beda jara, kien qiegħed isir jogħġbu u bil-mod il-mod fost il-Maltin bdew jitwaqqfu gruppi ta' nies li dak li kienu qegħdin jaraw isir fin-naħa tal-Port il-Kbir minn barranin mistednin mill-Kavallieri, bdew jaraw kif jagħmluh huma wkoll għall-festi tal-irħula tagħhom. Hekk bil-mod il-mod bdew imiddu jdejhom u jesperimentaw. Il-Knisja Parrokjali ta' Ħaż-Żebbuġ li fis-sena 1436 kienet diġà parroċċa, mill-ewwel ħasbet biex fuq biċċa art fl-inħawi tal-Kandlora tipprovdi xi għorof sabiex dawn iservu ta' kenn għall-manifattura tan-nar għall-festa ta' San Filep.



Nar tal-art armat fil-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ f'nofs is-seklu għoxrin

Kien matul il-ħakma tal-Ordni f'Malta li daħlet l-użanza ta' musketterija magħmula bl-użu tal-maskli. Dawn il-maskli kienu blokki tawwalin tal-ħadid b'toqba fin-nofs għall-porvli u oħra rqiqa li tinfed mill-ġenb għan-niċċa. Kien hemm ukoll maskli kbar bil-widna li kienu tal-bronż[4] u li kienu jagħmlu ħoss daqs murtal tal-bomba. La jimtlew bil-porvli u jitqabbdu wieħed wara l-ieħor dawn kienu joħolqu sensiela ta' ħsejjes b'daħna mal-art. F'Ħaż-Żebbuġ dawn kienu jiġu sparati minn fuq il-bejt tal-Knisja Parrokjali, b'mod partikulari waqt il-purċissjoni ta' San Filep

Qabel dan iż-żmien kienu jinġiebu kanuni żgħar li kienu jintużaw bħala sinjal waqt il-ħbit mill-għadu jew biex jintużaw għas-salut taċ-ċerimonji.

Is-Sur Raymond Saliba, fil-kitba tiegħu dwar il-logħob tan-nar, jgħid li hu fatt magħruf sewwa li Ħaż-Żebbuġ għandu tradizzjoni antika u sinjura fejn tidħol il-peroteknika. Kienu diversi d-dilettanti Żebbuġin li ddistingwew ruħhom f'dan il-mestier speċjalment fil-logħob tan-nar tal-art. Min-naħa l-oħra, il-bumbardiera Maltin, fosthom xi Żebbuġin, mill-esperjenza li kienu ħadu mill-isparar tal-balal mill-kanuni tal-fortizzi jew tax-xwieni, malajr żviluppaw kif jaħdmu r-reċipjenti tal-maskli, kif jikkargawhom u kif jisparawhom sabiex joħolqu l-ħoss qawwi li kienu jagħmlu wara li jinħarqu. Dun Salv Caruana kiteb li l-ħruq tal-maskli f'Ħaż-Żebbuġ imur lura sas-sena 1691.[5]

## Xhieda minn Xeneġġjatura minn Pitturi

Billi qegħdin niktbu dwar żminijiet bikrin meta l-istampar kien għadu primittiv, pitturi storiċi tal-epoka, għall-ħabta tas-sena 1656 huma x-xhieda awtentika. Waħda minnhom hi dik tas-sena 1656 li tinsab f'mużew f'Ruma u li turi lill-Kastell Sant'Anġlu fejn ħarqa minn fuqu turi l-binja kważi vampa waħda b'ilsna tan-nar. Din hi prova li l-logħob tan-nar kien diġà żviluppat fuq skala kbira fl-Italja.

## Żmien l-Ingliżi

L-Ingliżi, min-naħa tagħhom bdew idaħħlu iżjed il-logħob tan-nar fiċ-ċelebrazzjonijiet li huma kienu jagħmlu. Saħansitra kienu waslu li jġibu xi frustieri mill-Ingilterra biex jaħdmu dan in-nar. Milli jidher gżiritna kienet togħġob lil dak li jkun għax dawn kienu ta' spiss jibqgħu jgħixu hawnhekk.

Min-naħa oħra, f'dan iż-żmien li qegħdin nirrakkontaw dwaru nsibu li għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katerina ġewwa ż-Żurrieq, li f'dawk is-snin kienet tkun iċċelebrata fix-xahar ta' Novembru, hekk kif jidher fil-ktieb tal-istess festa, għal diversi snin jissemma li kien jiġi ordnat logħob tan-nar għand l-imgħallmin ta' Ħaż-Żebbuġ. F'dan il-qasam, f'Ħaż-Żebbuġ jissemma ċertu Mgħallem Lorenzo Cachia. Għandek il-kelma "Mastru" li tindikah bħala "Mgħallem."

Fi żminijiet aktar lejna, għal numru ta' snin insibu li dan l-imgħallem kien ċertu wieħed imlaqqam 'l-Ingliż,' minn Ħaż-Żebbuġ. Wieħed għandu x'xjaħseb li dan l-Ingliż jew kien joqgħod fir-raħal jew tal-anqas kien jiġi jaħdem in-nar hawn jew inkella jaħżen in-nar tiegħu fil-kamra tan-nar tal-Kandlora li sa fejn hu magħruf kienet l-unika waħda eżistenti f'Ħaż-Żebbuġ.

Ingliż li jissemma bl-isem ta' *Pain,* kien inġab Malta mill-Ingliżi sabiex jaħdem in-nar għall-festi li huma kienu jagħmlu. Hu dokumentat li kien ħadem iġ-ġiġġifogu għall-okkażjoni taż-żjara tal-Prinċep Albert tal-Ingilterra fis-sena 1876. Dwar din il-ġrajja l-Kittieb Pietro Paolo Castagna jgħid li minn din l-okkażjoni d-dilettanti tan-nar Maltin tgħallmu dak li kienu għadhom ma jafux u bdew jaħdmu tajjeb daqs *Pain*. Barra minn hekk, il-militar Ingliż mhux darba jew tnejn kompla mal-festi tal-poplu Malti u sikwit kien jispara xi kanun jew jagħti s-salut bl-ixkubetti tiegħu.[7]

## L-Ispiża tan-Nar

F'dawn is-snin l-ispiża tan-nar kienet waħda meqjusa u dan jixhduh ukoll id-dokumenti tal-ħlasijiet mill-Knisja. Dan hu xhieda ta' kemm in-nar kien popolari fil-festi Maltin.

Fis-sena 1811, l-ispiża tal-logħob tan-nar laħqet il-45 skud. Fi snin oħra ġieli tħallsu fuq 75 skud bejn xogħol u materja. Dawn l-ispejjes kienu jinqasmu prinċipalment fi tlieta: *Fuoco Artificiale* li kien jikkonsisti fil-logħob tan-nar tal-art. Dak iż-żmien dan kien statiku u mhux



Grupp tan-nar fis-snin ħamsin tas-seklu għoxrin, fil-kamra tan-nar tal-Kandlora

mekkanizzat għalhekk ma kienx hemm tidwir. *Razzi* li kienu jkunu bħal fjammi jitilgħu minn mal-art bħal "*flare*," bojod jew tal-kulur u *Polvere da sparo* jiġifieri l-porvli biex jisparaw il-maskli li kienu jkunu flok il-murtali tal-bomba għall-epoka taż-żmien. Kienu jinħarqu minn mal-art. Il-fatt li l-kontenitur jiġifieri l-maskli mhumiex imniżżla fil-kontijiet tal-ħlas juri li dawn kienu propjetà ta' xi ħadd mir-raħal, possibilment anke tal-Parroċċa stess. Missirijietna għadhom jiftakruhom stivati fil-maħżen ta' taħt l-Oratorju. Hawn tajjeb ngħidu li l-ħlas jidher li ġieli tħallas f'kont wieħed lill-persuna partikolari, wisq probabbli dik li tkun immanifatturat il-logħob tan-nar. Il-putassa dak iż-żmien kienet tinbiegħ b'kejl li jissejjaħ "rotolo."

Interessanti li fis-snin 1825 u 1826 kien sar ħlas lil ċertu Mastru Lorenzo Cachia, kemm għal-logħob tan-nar kif ukoll għall-ġarr tiegħu biż-żiemel. Fis-sena 1829 jissemmew Giuseppe Azzopardi u Giuseppe Micallef, filwaqt li Giuseppe Zammit kien tħallas skud talli ħasel id-dawra tal-knisja wara li nħaraq in-nar. Fis-snin li ġew wara jidher dejjem li għan-nar tħallas Giuseppe Azzopardi[6] waħdu. Imbagħad fis-sena 1840 jidhru wkoll żewġ skudi "*al bombista – per aver sparato in questa solennità e ottavo,*" indipendentement mill-ħlas li kien sar lil Giuseppe Azzopardi. Dan jindika li normalment in-nar kien jaħarqu ħaddieħor.

Hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux lil Michele Balzan. Lil dan il-personaġġ insibuh kemm-il darba fuq medda twila ta' snin fil-kotba tal-Parroċċa jitħallas għall-"*Giuoco di fuoco,"* u għall-murtaletti li kien jaħdem kemm għal lejlet kif ukoll għal nhar il-festa ta' San Filep u għal festi oħra bħalma hi dik tal-Madonna tal-Karità.

## X'Jgħidu l-Gazzetti tal-Epoka

Il-gazzetti li kien joħorġu fis-seklu dsatax kienu jagħtu wkoll prominenza mistħoqqa lill-piroteknika.

Infatti jekk nieħdu *Il Portafoglio Maltese* ta' nhar il-21 ta' Mejju 1864 insibu dan ir-rapport: "Dakinhar tal-festa solenni tat-translazzjoni tal-istatwa ta' San Filep mill-Knisja Filjali iddedikata lil Santa Marija tal-Angli għall-Paroċċa, fil-ġurnata memorabbli tat-8 ta' Mejju tas-sena 1864, filgħaxija wara din il-funzjoni mbagħad kien hemm esebizzjoni tal-'*fuochi d'artificio*.'"

Hekk ukoll kien reġa' sar nhar lejlet il-festa, proprju l-Erbgħa 11 ta' Mejju 1864, dakinhar li kienet ħarġet għall-ewwel darba l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Filep. Fis-sena 1875, il-gazzetta *Corriere Mercantile*, proprju ta' jum il-festa ta' San Filep, it-12 ta' Mejju, dwar in-nar tal-art ta' lejlet il-festa, f'deskrizzjoni mill-isbaħ tal-wirja tan-nar kitbet "*Bellissimi i Fuochi d'Artificio opera di F. Balzan*."

Min-naħa tal-gazzetta *Il-Ħabbar* ta' nhar il-Ġimgħa d-29 ta' Mejju tas-sena 1891, b'rapport fuq il-festa ta' San Filep, dwar iġ-ġiġġifogu kitbet li "kien sabiħ ukoll u dam jagħti fuq siegħa sħiħa."

Il-gazzetta *Il-Ħabbar* tal-Ħamis 31 ta' Mejju 1894 irraportat hekk: "Il-festa tal-Protettur u Tawmaturgu San Filippo t'Aġġira saret fil-21 ta' Mejju. Iġ-ġiġġifogijiet kienu ta'




Fini fix-xogħol tan-nar... fini fil-poża għar-ritratt

gost wisq sabiħ sewwa fl-għażla kif ukoll fid-disinn tagħhom u fihom dehru xi moviment għalina, kif ukoll fil-murtali tal-ajru nharha." Hawnhekk interessanti ninnutaw li f'Ħaż-Żebbuġ, kien isir iktar minn ġiġġifogu wieħed u l-murtali tal-ajru ma kinux jinħarqu għall-ħoss biss. Barra minn hekk, hu ta' interess ukoll il-fatt li f'dik is-sena parti min-nar tal-art kienet movimentata u allura ma baqgħetx aktar statika. Jidher ukoll li dan kien ġara għall-ewwel darba f'Malta għax kieku ma kienx jinkiteb li f'xi biċċiet tan-nar tal-art "fihom dehru xi movimenti għalina."

Rigward il-festa ta' San Filep tal-istess sena, iżda din id-darba min-naħa tal-gazzetta *Malta Tagħna* ta' nhar it-2 ta' Ġunju 1894 ġie rrapportat hekk: "Il-purċissjoni daħlet fost il-briju ta' sonetti, fjuri u gassijiet. Iż-żewġ ġiġġifogi li saru din is-sena ġew imfaħħra wisq."

F'*Malta Tagħna* tat-18 ta' Mejju 1895 inkiteb li għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep kien hemm żewġ ġiġġifogi u dawn inħadmu ġewwa Sqallija.

Hawnhekk sejjer nislitilkom intervista ta' Filippu Azzopardi li ħafna għadhom jiftakruh bħala 'Pinu ta' Xandru' li kien iċċelebra għeluq il-mitt sena minn twelidu nhar id-9 ta' Ottubru 1986. Dan Filippu kien jirrakkonta li meta hu kien żagħżugħ, rigward in-nar tal-art jiftakar li l-Parroċċa għal xi snin kienet tordna n-nar tal-art maħdum ġewwa Sqallija. Kien qiegħed jiġri li titnissel il-kompetizzjoni fost id-dilettanti Żebbuġin u Filippu rrakkonta li mhux darba u tnejn li x-xogħol taż-Żebbuġin sebaq lil dak tal-Isqallin. Sqallija hi ftit u xejn bogħod minn Malta, allura kien faċli ħafna li minn hemm mhux biss kien jiġi ordnat in-nar, iżda wkoll jinġiebu xi Sqallin jaħdmu dan il-logħob tan-nar hawnhekk. Min-naħa tagħhom, id-dilettanti tal-post kienu jkunu b'għajnejhom fuq dawn il-barranin sabiex mingħandhom ikomplu jitgħallmu dan il-mestier u jtejbu l-prodott tagħhom.

## L-Ewwel Kaxxa Nfernali tal-Bukketti

F'Malta kien ġie joqgħod ċertu Gaffarelli, imgħallem tan-nar li fil-bidu tas-seklu għoxrin kien ħareġ bl-idea tal-batterija tal-bomba (illum magħrufa bħala l-kaxxa nfernali) għall-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi. Din ingħoġbot mill-ewwel mid-dilettanti Maltin. Iż-Żebbuġin li xi ftit jew wisq kienu mpikati mal-Qriema kienu ħadu interess iktar minn ħaddieħor. Fl-istess ħin, bdiewa Żebbuġin kienu jafu lil dan Gaffarelli sewwa għax hu kellu l-għorfa f'Wied is-Sewda, fuq ir-riħ ta' Ħ'Attard, qrib ir-raba' tagħhom. Kienu jiltaqgħu kuljum u bejniethom nibtet u kibret il-ħbiberija. Il-festa ta' San Filep kienet tiġi ċċelebrata fit-12 ta' Mejju, ftit tal-ġimgħat wara dik ta' San Ġorġ li kienet issir fil-ġurnata liturġika tagħha nhar it-23 ta' April u għalhekk kien fadal żmien biżżejjed. Gaffarelli, ta' ħabib li kien, kien jurihom il-metodu ta' kif din tinħadem[8] u kif tiġi kkumlikata l-batterija. Fil-festa ta' San Filep ta' dik


Kien jinħaraq in-nar tal-ajru mill-għelieqi f'nofs ir-raħal – illum Triq Sciortino

is-sena kienet inħarqet kaxxa nfernali bil-bukketti tal-kulur li kienet ġiet maħruqa minn fuq il-bejt tal-Knisja Arċipretali. Hawnhekk wieħed jista' jimmġina xi spettaklu kienet għamlet fil-mument hekk kif l-istatwa ta' San Filep kienet dieħla lura fil-Parroċċa.

## Titwaqqaf is-Soċjetà Mużikali Filarmonika San Filippo

Fis-sena 1851 twaqqfet il-*Banda di San Filippo*. Il-festa ta' San Filep bdiet tieħu xejra oħra u l-interess żdied b'mod partikolari bil-miġja tal-istatwa titulari. L-organizzazzjoni formali tagħha bħala banda wasslet biex maż-żmien is-Soċjetà Filarmonika San Filippo tifrex ħidmietha fuq oqsma oħra tal-festa Filippina. Fost l-ewwel affarijiet li kienu saru kien ftehim bejn il-kumitat maħtur ta' din l-għaqda u l-membri tal-kleru sabiex bejniethom jorganizzaw il-logħob tan-nar u l-armar għall-festa ta' San Filep.

Il-ħidma tal-logħob tan-nar kienet issir fl-irziezet jew f'xi għorfa mwarrba fil-kampanja. Regolamenti u liċenzji ma kinux jeżistu. Ħafna mix-xogħol u l-ħażna kienu jsiru fil-kmamar tal-Kandlora.

## Il-Kamra tan-Nar San Filep

Kif qegħdin naraw, mhux ta' b'xejn li madwar Ħaż-Żebbuġ issawret ġrajja li tiddistingwih sewwa minn postijiet oħra f'ħafna taqsimiet tal-ħajja. Għal dak li hu l-logħob tan-nar, speċjalment għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep għamel isem ukoll. It-tradizzjoni hekk qawwija tal-lum ġejja mill-fatt li nżergħet snin twal ilu. Il-Parroċċa kienet għarfet li fl-aħjar interess tal-festa jkun aħjar li taħseb biex twaqqaf xi kmamar għall-kenn tal-logħob tan-nar u li kulħadd ikun jaf liema huma. Il-ħsieb għaqli dejjem kien li kemm jista' jkun jitnaqqas il-periklu.

as

**ALLWOODS & STEEL LTD**

*Timber, Steel, & General Building Material Stockholders*

**Żebbuġ Road, Attard - Malta**
**Tel: 2141 8029**

Il-logħob tan-nar beda jsir b'iktar konsultazzjoni mal-Parroċċa u l-persuna maħtura mill-każin kellha d-dmir li tara li mhux kulħadd kien ikun jista' jmur fil-kamra tan-nar jaħdem in-nar għall-festa. Dan l-individwu b'mod formali, flimkien mal-prokuratur tal-Knisja u bl-għajnuna tal-fratellanzi, kompla jgħolli l-kobor tal-festa ta' barra. Din il-koperazzjoni mal-awtorità tal-Knisja fil-qasam pirotekniku seħħet bil-ħila tas-soċji mhux biss fil-manifattura tan-nar iżda wkoll fil-ġbir. L-aktar dokument bikri li jsemmi dan bil-miktub hu dak tas-seduta ta' nhar it-2 ta' Novembru 1914. Insibu li ċertu soċju R. Felice ppreżenta *"r-racolta per guioci di fuoco ta' LM10.3s.9d."*

## Iktar dwar il-Kamra tan-Nar tal-Kandlora

Il-Kamra tan-Nar San Filep, meta kienet fl-inħawi ta' Bordin qrib il-Kandlora tfakkar bosta ġrajjiet tan-nar bikri tal-festa ta' San Filep.

Din il-kamra tiftakar f'dawk l-ewwel ħaddiema u ġrajjietha tirrakkonta kif kienet isservi bħala maħżen għan-nar li kien jinħadem hemm jew għal dak li kien jinġieb minn Sqallija. Minħabba t-trasport bil-baħar dan ma kien faċli xejn u kien jinġieb xi ġranet qabel ħalli jkunu ċerti li lejlet il-festa ta' San Filep kien ikun qiegħed hawn. Dan il-post ra l-batteriji tal-bidu, il-murtali tal-bomba u tal-bukketti, il-murtali tas-salib, is-sufarelli, il-logħob tan-nar tal-art u xogħol pirotekniku ieħor li kienu jiskopru minn żmien għall-ieħor l-imgħallmin tan-nar.



Gaetan Caruana u erba' minn sħabu

L-Għaqda Każin Banda San Filep, sa mill-ewwel żminijiet tagħha kienet tieħu interess kbir fit-tisħiħ tas-*St. Philip Fireworks Factory*. B'dedikazzjoni ħabirket mal-awtoritajiet tal-Pulizija biex il-Kamra tan-Nar San Filep tikseb uffiċjalment il-liċenzja bil-permessi meħtieġa għax l-awtoritajiet ċivili kienu qegħdin kontinwament jisħqu li dawn il-kmamar għandhom ikunu ta' kundizzjoni aħjar u bil-liċenzja.

Is-seduti tal-kumitat tal-bidu tas-seklu għoxrin huma prova ta' dan. Eżempju hu dak tat-30 ta' Ottubru 1921. Il-membri kollha tal-kumitat unanimament qablu li jikkontribwixxu mill-fondi ġenerali għall-bżonnijiet tal-kmamar tan-nar.

Ġanni Cilia waqt intervista kien qal "Fl-1921 kelli sbatax-il sena u kont ili diġà sena għalliem. Kont kultant immur fil-kamra tan-nar il-ġdida tal-Każin ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ li kienet għadha kemm inbniet fuq il-Wied tat-Tanti."[9] Pawlu Sciortino, min-naħa tiegħu kien qal li kienu l-imgħallmin li għallmuh in-nar u l-ġenerazzjoni ta' qablu li bniet il-kamra tan-nar il-ġdida f'Ħaż-Żebbuġ għall-ħabta tal-1921.[10]

F'dan iż-żmien, il-kmamar eżistenti kienu saru żgħar wisq għall-kwantità tan-nar li kien qed jiġi mmanifatturat għall-festa ta' San Filep. Min-naħa l-oħra, l-għalqa tal-Knisja Parrokkjali li dak iż-żmien kienet tiġi maħduma minn wieħed magħruf bħala 'taċ-Ċawla' fl-inħawi tal-Kandlora kienet tippermetti l-ispazju sabiex il-Kamra tan-Nar San Filep tiġi estiża faċilment. Allura għall-kumitat tal-Festa ta' San Filep, magħmul parti mill-kleru u parti oħra mill-kumitat tal-Każin Banda San Filep kien faċli li mill-iktar fis possibbli

jiddeċiedi li jagħti bidu għall-bini ta' kamra tan-nar ikbar u iktar komda f'dan il-post diġà magħruf għal dan ix-xogħol tan-nar.

## Il-Bini

Il-Każin San Filep għalhekk avviċina lill-Imgħallem Pinu Cilia mlaqqam 'ta' Xtajla' biex jidħol għall-bini tagħha u hu aċċetta mill-ewwel. Min-naħa l-oħra, Salvu Said 'il-ħaddied' kien intalab jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tagħha u hekk il-bini tal-fabbrika tan-nar ta' San Filep inbeda. Kull nhar ta' Ħadd, numru ta' raħħala Żebbuġin membri tal-Għaqda Każin Banda San Filep, li kellhom bagħal jew żiemel, kienu jiltaqgħu bil-karettuni tagħhom biex iġorru l-ġebel. Fosthom insibu lil Filippu Sciortino, lil Pinu 'ta' Matti' u lil Ġanni Dimech 'il-Papa.' F'dan iż-żmien inzerta li kienet qed tinħatt barumbara qadima f'Ħal Dwin. Dawn is-soċji mill-ewwel approfittaw ruħhom u ġarrew lejn il-Kandlora l-ġebel li dehrilhom li kien għadu tajjeb għal dan il-bini. Fil-bini taw daqqa t'id Feliċ Zammit 'ta' Martin' u Filippu Micallef 'tal-Pitrolju.' F'din il-kamra nbena post hekk kif kien jitlob il-permess u l-ħtiġijiet ta' dak iż-żmien. Hawnhekk irridu nżommu dejjem quddiem għajnejna li dan ix-xogħol sar madwar 90 sena ilu.

Biss l-ixpruni ta' quddiem nett sabiex dan ix-xogħol seta' jintemm malajr kemm jista' jkun kienu Wiġi Said 'tal-ħaddied' u ħuh Salvu u Giuseppe Micallef 'ta' Federik' li kien ukoll membru tal-kumitat tal-Każin. Dan Giuseppe Micallef, wara li kien intemm il-bini tal-kamra tan-nar, kien żamm l-ewwel permess tal-manifattura tan-nar fuq ismu. Għalhekk, is-sena 1921 tibqa' mfakkra għall-organizzazzjoni u l-ħruġ tal-permess tal-Kamra tan-Nar San Filep.

Ftit xhur wara li ħareġ dan il-permess tal-kamra tan-nar, f'seduta tal-kumitat tat-2 ta' April 1922, il-President it-Tabib Pietro Pawl Galea ddikjara li *"I regolomento delle camera di fuoco pirotecnico vene gori o l'uno dopo l'altro, tutte lette e promessi senza nessuno emendazione."*

## Ix-Xogħol fil-Kamra għall-Ħabta tas-Sena 1921

Stampa tal-ħajja tax-xogħol tan-nar bid-dettall kollu ma seta' jagħtihielna ħadd aħjar minn Ġanni Cilia. F'intervista hu kien irrakkonta kif f'din il-kamra kienu jħejju l-murtali tal-bomba, il-kaxxi nfernali u l-murtali tal-kulur għall-festa ta' San Filep. "Kont niltaqa' ma' sħabi l-fratelli tad-Duluri, ma' Pinu Xuereb 'ta' Karlu l-furnar' (li kellu l-forn ħdejn il-Knisja Santa Marija tal-Anġli), ma' Nazzareno Felice, ma' Wenzu 'l-Minfuħa,' ma' Ċensu 'l-Maħmuġa' u ma' membri oħrajn. Dan Ċensu li semmejt l-aħħar, f'dawk is-snin kien inkarigat biex jikkarga l-maskli matul il-ġranet tal-festa ta' San Filep. Dawn kienu jinħarqu f'ras it-taraġ tal-kantina tal-Oratorju tal-Knisja Arċipretali.

Iżda l-ħidma prinċipali kienet issir fil-kamra l-kbira. Hemm kien ikollna ċilindri kbar tal-kartun biex fihom jippustjaw l-istilel tal-murtali tal-kulur. Ix-xogħol li kont tara għaddej quddiem għajnejk kien ta' kwalitajiet diversi. Kont issib lil min kien ikun qiegħed jaqta' s-sufra sabiex din titpoġġa fil-qiegħ biex timmolla u hekk tmewwet il-murtal milli jieħu d-daqqa qawwija tat-tir. Oħrajn kienu jġibu l-putassa mill-kamra l-oħra tal-proviżjon sabiex jimtlew il-bombi tal-kaxxa nfernali u wara jorbtuhom. Kien hemm dak li kienu jsibuh bħala 'l-ispiżjar,' bil-miżien dejjem lest ħalli xħin ikun hemm il-ħtieġa jiżen il-materjal għat-taħlit. B'reqqa kbira kien iħallat f'meħrież għal tal-apposta biex imbagħad kien jgħaqqadhom fil-forom ta' qisien differenti u wara jinħarġu għax-xemx biex jinxfu. Ħaddiema oħrajn kienu

jkunu attenti li meta jaraw li xi xogħol tal-murtali kien lest kienu joħduh biex jaħżnuh fil-maħżen.

F'din il-fabbrika trid u ma tridx kont titgħallem xi ismijiet ta' materjal li kienu jkunu qegħdin jużaw. Ngħidu aħna għall-beraq kienu jużaw l-aluminju, għall-bomba kienu jużaw il-putassa u l-aluminju iswed, għas-suffara kienu jużaw iż-żingu, l-antimonju, il-beżol u l-*potassium per chlorate*, għall-abjad tad-dawl kienu jużaw il-manjesju u għall-blu kienu jużaw l-arseniku.

Kollha huma kimiki li dawn il-ħaddiema kienu jħarsu lejhom b'attenzjoni kbira. Huma kien jħalltuhom bir-reqqa għax ladarba jitħalltu ma' xulxin jistgħu joħolqu reazzjoni perikoluża u jikkaġunaw splużjonijiet li magħhom jistgħu jġibu korrimenti jew imwiet."

Kien hemm ukoll numru ta' dilettanti oħrajn li għal xi raġuni personali kienu jagħżlu li jaħdmu f'xi rziezet, f'xi kantini u fi kmamar qalb l-għelieqi jew xi ġonna. Kien jiġri li l-imgħallmin tal-Kamra tan-Nar San Filep kienu jippreparawlhom it-taħlit imbagħad dawn l-individwi kienu jagħmlu l-kumplament tax-xogħol fil-privat.

Dawn l-iżviluppi ġodda għenu mhux ftit għat-tħejjija tal-festi kbar tas-sena 1924 li fakkru l-mitejn sena mill-miġja tar-relikwa tad-driegħ imqaddes ta' San Filep.

## L-Ewwel Murtaletti

Kien f'dan iż-żmien kompla jgħid Ġanni Cilia li "wieħed mill-ħaddiema xtaq jipprova murtal ġdid, murtal li jagħmel il-ħoss tal-bomba, li malli jiftaħ fl-ajru jkollu bombi żgħar. F'dan il-każ kienu 22 bomba kollha b'temp differenti biex jieħdu wara xulxin. Illum ngħidulhom il-murtali tal-murtaletti jew il-murtali tal-logħob. Qabel din is-sena ma kienu jsiru mkien f'Malta.

Sal-jum tal-festa ta' dik is-sena kienu tlestew tnejn. Kull wieħed kien għoli xi ħmistax-il pulzier (40 ċentimetru). Ħadd ma kien ċert kif kienet ser tmur il-ħarqa u biex jiġi evitat il-periklu ma ridux iġġorruhom fuq l-istess karettun man-nar l-ieħor. Wara kollox, it-toroq kienu mħarbtin u l-iskossi tal-karretun kienu joħolqu l-periklu. Min kien ħadimhom kien beża' li setgħu jisplodu u jaqbad kollox. Tajjeb hawnhekk ngħidu li l-murtali biex jinħarqu kienu jinġarru f'kaxxa fuq karettun. Kienu jsiru diversi vjaġġi f'ħinijiet li t-toroq kienu jkunu battala min-nies. L-użanza kienet li filwaqt li l-kamra tan-nar kienet 'il barra mill-abitat sew, il-ħruq tan-nar kien isir mill-eqreb għalqa għall-pjazza, li dak iż-żmien kienu ħafna għax il-bini tad-djar kien ftit."

Allura Ġanni Cilia kien offra li jwassalhom hu dawn iż-żewġ murtali hekk ġodda sa fuq il-post tal-ħruq tan-nar.

Ġanni Cilia qal "Qabel ħallejt il-post tgħidx kemm appellawli biex noqgħod attent minnhom għax jistgħu jkorruna. Bħala piż dawn iż-żewġ murtali ma kinux tqal wisq imma kienu goffi. Kienu madwar il-ħamsa ta'


Kburin b'xogħolhom


Grupp kbir ta' dilettanti tan-nar fil-kamra tal-Kandlora

filgħaxija meta għamilthom taħt abti ta' kull naħa u ġbidt għal Ħal Dwin biex qbadt Triq Ħali għal fejn il-Knisja tal-Anġli. Tlajt minn Triq l-Anġlu għal wara l-Parroċċa (it-Tribuna) għal quddiem fejn hemm id-Domus. Qbadt is-sqaq li kien iwassal sal-għalqa tal-ħruq. Din l-għalqa llum hi mibdula mir-*roundabout* ta' Triq Antonio Sciortino. Kif wasalt u poġġejthom ħdejn il-murtali l-oħrajn ħadt nifs qawwi u rringrazzjajt lil San Filep li d-dmir tiegħi kont wettaqtu sew. Nirringrazzja lil Alla li f'dak il-ħin ftit li xejn kont iltqajt ma' nies għax kien ħin li l-folol kien jkunu l-knisja jew wara l-marċi. Ngħid il-verità kont attent li ma jersaqx xi ħadd b'xi sigarett fuqi u ntajru kollox."

Jekk nieħdu issa l-post tal-ħruq, ftit li xejn inbidel mil-lum. Il-murtali kienu jkunu maħżuna 'l bogħod u mgħottija taħt inċirata. Meta beda jidlam dawn iż-żewġ murtali ġew maħruqa. Messithom ix-xorti li jmorru bomba ġol-kanna. L-isplużjonijiet qawwija tagħhom ġabu magħhom trab u żrar li bdew niżlin mill-ajru. Il-prova kienet falliet għax ma kellhiex tir biżżejjed.

Fis-snin ta' wara x-xogħol fuq murtali simili beda jsir b'iktar reqqa, sakemm bil-provi l-affarijiet irranġaw tant li bdew jiżdiedu fil-qies u fil-kolpi ta' ħsejjes differenti.

## Il-Logħob tan-Nar tal-Art u Pawlu Tonna (Iż-Żliż)

F'dan iż-żmien il-logħob tan-nar tal-art kien fdat f'idejn l-Imgħallem Pawlu Tonna mlaqqam 'iż-żliż' mis-Siggiewi u partitarju tas-Soċjetà tal-Banda San Filep.

Hu kellu l-kamra tan-nar tiegħu fl-inħawi ta' Wied Qirda f'post magħruf bħala l-Berbri, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Kienu jgħinuh fix-xogħol tan-nar l-aħwa Pawlu u Żaren Agius wara li Pawlu kien ħarriġhom sewwa f'dan il-mestier. Hu kien jafdalhom xogħol delikat f'idejhom allavolja tista' tgħid li kienu għadhom żgħażagħ. Ir-relazzjoni bejn il-Kamra tan-Nar San Filep u din ta' Pawlu kienet mill-aqwa. Kull sena kien jesebixxi ġiġġifogu mill-isbaħ lejlet il-festa ta' San Filep.

Għall-festa kienu jiġu ppreparati ħafna disinji fuq tilari tal-injam u mbagħad lejlet il-festa minn filgħodu kmieni kienu l-ewwel iwaqqfu l-antarjoli u wara jwaqqfu d-disinji li kien ikollhom ippreparati. Hawnhekk qegħdin nirreferu għal dak li nsibuh bħala 't-tapit.' Il-faċċata tal-knisja kienet popolari ħafna. F'dawn id-disinji, meta kienu jiġu mixgħula, kienu jispikkaw il-mijiet ta' gassijiet imlewna b'ħafna kuluri differenti li minn ħin għall-ieħor kienu jaqilbu minn kulur għall-ieħor. Kienu jagħtu dehra ta' mixegħla mill-isbaħ. Ma' dan it-tapit kien ikun hemm imwaħħlin biċċiet tan-nar oħra bħal pereżempju l-irdieden.[11]

Fis-sena 1925 infetaħ is-sede tal-każin il-ġdid fi 12 Misraħ San Filep bi programm tan-nar mimli daqs bajda. Proprju lejlet il-festa ta' San Filep, għall-ħabta tal-erbgħa ta'

waranofsinhar, kienet qabdet tqattar ix-xita bla mistenni u din mal-ħin iktar bdiet iżżid tant li għal xi l-erbgħa u nofs, waqt id-dħul tal-marċ tal-Banda San Filep ittieħdet id-deċiżjoni, għax ma kienx hemm xi ħaġa oħra li tista' tagħmel, li n-nar armat fil-pjazza jiġi maħruq. Il-pjazza xorta waħda kienet intliet biż-Żebbuġin li għalkemm ma kinux kuntenti b'dak li kien qiegħed jiġri, taħt ix-xita nieżla gawdew in-nar kif setgħu. Jingħad li l-festa kienet ġiet posposta għax kien baqa' għaddej il-maltemp u kien reġa' sar kollox mill-ġdid.[12]

Meta l-kamra tan-nar privata ta' Pawlu Tonna ġġarrfet fi splużjoni tan-nar, kulma kien fadal kien ittieħed fil-Kamra tan-Nar San Filep u komplew jaħdmu n-nar hemmhekk.

Filippu Abdilla, magħruf sewwa bil-laqam tal-'Imqabbi' kien jaħdem in-nar fil-Kamra tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba. Hu kien miżżewweġ u kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ u kien midħla sew fil-Każin San Filep. Xi wħud mill-ammiraturi tal-festa ta' San Filep kienu ġabru ġabra fil-każin biex jaħdem in-nar għall-festa ta' San Filep fil-kamra tan-nar tagħhom ta' Santa Marija u hekk kien sar.[13]

## Spezzjonijiet mill-Pulizija u d-Diżgrazzji

Kif kienet l-użanża, minn wara 1921, il-Pulizija b'mod regulari kienu jmorru jagħmlu spezzjonijiet fil-kmamar tan-nar ta' Malta u Għawdex. Fid-dawl ta' dan, il-Kamra tan-Nar San Filep f'Ħaż-Żebbuġ minn żmien għall-ieħor kienu jsirulha għadd ta' żjarat ta' spezzjoni mill-Pulizija. Dawn kienu jkunu kemm miftehma b'avviż u kif ukoll għall-għarrieda. Wara, il-Pulizija kienu jagħmlu r-rapport bil-miktub li għadu sal-lum jinstab fl-*Occurence Book* jew aħjar dak li hu magħruf bħala l-Ktieb tal-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ. Ir-rapporti ta' dawn id-diversi żjajjar jinsabu miktuba b'dettall. Nistgħu ngħidu li f'dan il-qasam fil-Kamra tan-Nar San Filep kollox jidher li kien jinżamm bl-ordni u kif jitolbu l-liġijiet ta' dak iż-żmien.

Fis-sena 1926 il-kamra tan-nar kienet immexxija mid-detenur Giacomo Cutajar. Fost dawk il-membri li kienu nstabu jaħdmu n-nar insibu lil Giuseppe Vella, lil Filippu Xuereb ('ta' Carlo'), lil Giacomo Cutajar, lil Salvatore Abela, lil Grazio Muscat, lil Filippu Brincat, lil Filippu Xuereb ('tal-Bużu'), lil Antonio Camilleri ('tan-nar') u lil Gio Barra Bonnici.

Fl-10 ta' Mejju 1930 il-Pulizija reġgħu għamlu spezzjoni oħra fil-Kamra tan-Nar San Filep. Il-kamra tan-nar kienet immexxija minn Filippu Xuereb 'ta' Carlo.' Skont dan ir-rapport jidher li kollox kien regolari.

F'dan iż-żmien Filippu Grech 'ta' Glorja' li kien membru tal-kumitat tal-Każin Banda San Filep deherlu li l-permess tal-kamra tan-nar għandu jinkiteb fuqu. Minħabba f'hekk qam xi tilwim bejn Filippu Grech u Pinu



Il-Bandiera tal-Iljun kienet spiss tperper fuq il-kamra tan-nar ta' San Filep

Xuereb li kellu l-permess fuqu. Ta' sikwit bdew jitqanqlu l-battibekki u Filippu Grech beda jfittex l-irqaqat ta' Pinu Xuereb sakemm Pinu ddejjaq u ħalla l-kamra tan-nar. B'hekk il-permess meħtieġ tal-manifattura tax-xogħol tan-nar issa għadda f'idejn Filippu Grech.

Fit-12 ta' Mejju 1930 il-Pulizija rrapportaw li kien seħħ inċident fejn Carmelo Bugeja, iben Giuseppe tal-Kartabus inħaraq waqt li kien qiegħed jaħraq xi murtali qrib il-Mitħna tal-Għodor, 'il fuq mill-Knisja tal-Grazzja. Hu ġie assistit mit-Tabib Philip Farrugia.

Il-Pulizija reġgħu għamlu spezzjoni oħra din id-darba għall-għarrieda fil-Kamra tan-Nar San Filep nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju 1931. Ir-riżultat juri li għal darb'oħra kollox kien regolari.

Fis-sena 1933 il-Pulizija rrapportaw li Emanuel Formosa u Francesco Azzopardi kienu weġġgħu waqt li kienu qegħdin jaħarqu s-suffarelli fuq il-bejt tal-knisja. Formosa kien ittieħed l-isptar. F'dak iż-żmien kien żdiedu mal-lista ta' dawk il-membri li kienu jaħdmu n-nar Michele Balzan 'taż-żambokk,' Paolo Psaila '*tas-six pence*,' Carmelo Cortis u Carmelo Pace.

Fir-rapport li għamlu l-Pulizija nhar is-6 ta' Settembru 1938, Pawlu Tonna 'ż-żliż,' waqt li kien qiegħed jimla x-xema' Romana, qabditlu dik li kellu f'idejh u sploda l-kumplament tan-nar li kellu madwaru bil-konsegwenza li kien inħaraq sewwa filwaqt li l-kamra tal-bitħa li kien ġo fiha spiċċat biss imgermda bin-nugrufun. Madwar ħmistax-il ġurnata wara, Pawlu Tonna miet ġewwa l-isptar. Il-funeral tiegħu sar ġewwa s-Siggiewi. Ir-rapport tal-Pulizija kien ddikjara li kollox kien regolari min-naħa tal-Kamra tan-Nar San Filep.[14] F'dak iż-żmien il-kamra kienet immexxija mil-liċenzjat Filippu Grech.

Tfittxija għall-għarrieda fil-kamra tan-nar saret fl-24 ta' Diċembru 1938, wara li kien sar rapport li nsterqu porvli tal-furnelli u *fuses tal-blast* mill-ajruport ta' Ħal Luqa. It-tiftix li kien sar fil-kamra rriżulta fin-negattiv.

## L-Aħħar Snin ta' Qabel u l-Ewwel Snin ta' Wara t-Tieni Gwerra Dinjija

Wara li kien inħaraq Pawlu Tonna, Pawlu Agius kompla fejn ħalla sieħbu u beda jieħu ħsieb in-nar tal-art. Kien żmien mhux sabiħ għax il-gwerra ma kinitx fil-bogħod. Minkejja kollox il-festa ta' San Filep u l-ħidma fil-Kamra tan-Nar San Filep baqgħu jsiru xorta.



Lippu Grima (Il-Laringu) ma' xogħol ta' sena murtali għall-festa ta' San Filep

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep, billi l-ħaddiema tan-nar kien ikollhom ħafna x'jagħmlu kien jinkariga ruħu ċertu Spiru mlaqqam 'il-mejda' li kien mis-Siġġiewi u miżżewweġ Ħaż-Żebbuġ. Matul il-ġimgħa tal-festa minn filgħodu kmieni kien jimla l-maskli, ipoġġihom ħdejn xulxin, jgħaddi serbut porvli mitħun minn wieħed għall-ieħor billi jferrgħu minn stanjata għal tal-apposta biex meta jqabbdu n-nar jisparaw wieħed wara l-ieħor qishom kaxxa nfernali. Dan ix-xogħol kien jitwettaq fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija għall-barka sagramentali.

F'nofs is-sajf tas-sena 1940, il-logħob tan-nar għall-festa tal-Isla kien lest iżda kien ġie miżmum li jinħaraq mill-awtoritajiet tal-Pulizija minħabba l-kerfju mponut li ġabet magħha l-miġja tat-Tieni Gwerra Dinjija. Dan ix-xogħol tan-nar kien ta' wġigħ tar-ras għad-diriġenti tal-Għaqda Każin Banda San Filep u ġie maħżun fil-kamra tan-nar tagħha fi żmien mhux daqstant sabiħ meta Malta kienet kontinwament attakkata mill-ajruplani tal-għadu.

Meta nhar it-8 ta' Mejju 1945, ftit tal-jiem biss qabel il-festa ta' San Filep, tħabbar l-armistizju, il-Każin San Filep kien sab dan in-nar lest u flimkien ma' xi biċċiet oħra tan-nar tal-art, xema' Romana u l-maskli ġiet iċċelebrata f'Malta l-ewwel festa bin-nar. Wara din il-festa reġa' rritorna jaħdem in-nar fil-Kamra tan-Nar San Filep Philip Xuereb ('il-lilel').

B'hekk il-poplu Żebbuġi b'xi mod jew ieħor qabad it-triq tal-ħajja normali ta' kuljum u l-Każin San Filep reġa' fetaħ il-bibien tiegħu.

Fis-sena 1947 ġie inawgurat planċier ġdid għall-Banda San Filep. F'din l-okkażjoni, waqt il-programm mużikali saret wirja ta' logħob tan-nar tal-art u tal-ajru. Il-murtali tal-kulur kienu xogħol Salvu Borg.[15] Il-kaxxi nfernali Spanjoli kienu magħrufa għat-tul tagħhom b'diversi qalbiet ta' bomba, beraq u sfafar. Dawk tal-kulur kienu jkun mżewqin sew b'kull kulur u b'wirjiet ta' bukketti u sfafar li kienu jitilgħu b'diversi tempijiet tat-tlugħ.


Grupp numeruż ta' dilettanti tan-nar f'nofs is-seklu għoxrin

Nistgħu nimmaġinaw kif kaxxa nfernali kollha kemm hi titla' ssaffar, kif kienet iżżomm lil kulħadd fuq ix-xwiek. Il-murtaletti kienu jkunu bil-mijiet u l-musketterija tlaħħaq il-mitt elf. Il-murtali tal-kulur kien jkunu maħdumin minn id tas-sengħa. Kienu fost l-aħjar li kien ikun hawn f'Malta. Dan ix-xogħol tan-nar f'dak iż-żmien kien jinħaraq mill-qrib u allura kien jitgawda sewwa.

Għal dak li għandu x'jaqsam man-nar tal-art tista' tgħid li kienet issir esebizzjoni fuq esebizzjoni għax kien spettakolari ferm. Gawzu Cachia, 'il-landier,' kien jieħu ħsieb jagħmel dawk il-biċċiet bix-xogħol mekkanizzat maħduma b'sengħa kbira filwaqt li Leli u Filippu Zammit 'ta' xafrin' kienu jaħdmu d-disinji u r-roti tad-diduri fil-ħanut tal-mastrudaxxa ta' Rokku Zammit fi Triq l-Anġlu quddiem il-forn. Bħala nar kien ikun f'idejn grupp ta' membri artiġġjani mmexxijin minn Giuseppe Baldacchino, 'ta' Grejbel.' Missirijiethom għadhom isemmu nar mekanizzat bħal żewġ daqqaqa bis-surmast fin-nofs u żewġ żeffiena, il-bandla; il-joga, l-emblema ta' San Filep bis-serp iserrep mas-salib u bil-kliem ta' Viva San Filep idur fuq żewġ rombli, il-ġnien bir-rixtellu, żewġ roti misjuqa minn xebba u ġuvni jiġru wara xulxin bix-xebba taqla' idha l-leminija minn fuq il-*handle* b'suffara u l-ġuvni jogħla fuq idejh b'saqajh 'il fuq – biċċa xogħol mekkanizzata li ddaħħak, il-konvoj – ġrajja storika li seħħet ftit tas-snin qabel u l-*aircraft carrier* li l-ajruplani tagħha qajmu l-pjazza. Dan ix-xogħol kien ġab miegħu popolarità. Tant hu hekk li l-pjazza lejlet il-festa kienet tinħass li kienet żgħira wisq għall-folla ġmielha ta' nies li kienet tinġabar għal dan l-ispettaklu tan-nar tal-art.

## Serqa ta' Materjal u Murtali

Minħabba d-diskors li kien qiegħed jintqal, is-suċċess li l-festa ta' San Filep kienet tgawdi beda jonqos. Ix-xnigħat dwar il-qagħda finanzjarja tal-Każin Banda San Filep bdew iħassbu u jinkwetaw lill-membri. Mhux darba jew tnejn li kienu jitqajmu ċerti battibekki. Fost il-membri tal-kumitat kien hemm l-inċertezza u t-tmexxija kellha mill-iktar fis possibbli toħloq xi forma ta' kontroll fl-infiq għax il-ħlasijiet tal-festa mhux dejjem kienu jinżamm kif għandu jkun. Fl-aħħar tas-snin erbgħin, dawn il-problemi finanzjarji tal-Għaqda Każin Banda San Filep bdew joħorġu fil-beraħ. Id-diżgwid żdied. Kien hemm żewġ fehmiet. Fl-1952 il-kumiat irreżenja u minfloku s-soċji b'maġġoranza kbira għażlu kumitat żagħżugħ. Minħabba l-qagħda finanzjarja ttieħdu deċiżjonijiet li ma għoġbux lis-soċji kollha. Xi membri mmexxija mill-eks-membru tal-kumitat Filippu Grech inqatgħu fi klikka għalihom. L-affarijiet komplew jeħżienu meta dan l-inkwiet wasal fil-kamra tan-nar.

Kien naturali li mhux l-artiġġjani tan-nar kollha kienu jħarsu lejn xulxin bl-istess stima għalkemm jista' jingħad li x-xogħol tan-nar baqa' għaddej bl-istess ritmu minn sena għall-oħra. U biex kif jgħid il-proverbju Malti, "il-boċċi jkomplu jiġu qrib il-likk" u d-dubji jkomplu jsaltnu, kellha sseħħ ġrajja kurjuża fejn ammont ta' taħlit pirotekniku u murtali lesti nsterqu. Dan l-inċident ġab ħafna suspetti bejn l-istess ħaddiema tan-nar u l-qiegħa aktar saħnet.



Il-kamra tan-nar ta' San Filep ilha magħrufa għall-murtali tal-kulur u l-murtaletti

Dan kien ġara għax kien insteraq nar ta' xi individwu u mhux ta' oħrajn u donnu min seraq kien għaraf jagħżel. Ġurnata fost l-oħrajn, waqt li kienu qed jaħdmu fil-kamra, semgħu prova ta' murtal u din ħassbithom. Dan kien ġie nnutat mid-dilettanti tan-nar u għalhekk qablu li setgħet kienet saret serqa minn xi barranin. B'xorti tajba, min kien għamel is-serqa kienu individwi mingħajr esperjenza u meta ġew biex jagħmlu l-provi tan-nar dawn ma sarux mill-istess inħawi li kienu jsiru s-soltu. Għalhekk Ċikku Farrugia 'tal-bibillu,' Anġlu Borg 'tal-aħmar,' Karmnu Borg 'tal-aħmar' u Ninu Debono 'l-paradajs' iddeċidew li jistħarrġu minn seta' kien. Iddeċidew li jagħmluha ta' kaċċaturi u jduru dawra lejn in-naħat tal-Għolja.

Inzerta li ħdejn ir-razzett magħruf 'ta' Brija,' iltaqgħu ma' Karmenu Vassallo, sellmilhom u diskorshom waqa' fuq in-nar. Dan Karmenu kien midħla sew tax-xogħol tan-nar u kien qiegħed jirritorna lejn daru wara li kien għamel ġurnata xogħol fir-raba' ħdejn l-Għajn il-Kbira. Miegħu tkellmu fuq il-murtal li kien għadu kif inħaraq. Hu qallhom li hekk xħin wasal ħdejn in-niċċa sabiħa bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu ra lil xi ħadd jaħraq murtal minn ħdejn girna li hu kien immarka fuq għajnejh. Huma talbuh biex imur magħhom għax hu kien iktar midħla tal-inħawi minnhom. Aċċetta u xħin waslu ħdejn il-Madonna tal-Karmnu indikalhom il-post minn fejn kien deher li nħaraq dan il-murtal. Il-ħames persuni qabdu t-trejqa daqslikieku kienu għall-kaċċa u xħin waslu ħdejn il-kamra daħlu ġo fiha għall-għarrieda u hemm sabu żewġ żgħażagħ fil-fatt jaħdmu xi nar, b'ħafna mill-materjal pirotekniku li kienu serqu madwarhom għadu mhux mimsus. Huma identifikawh mill-ewwel.

Iż-żewġ żgħażagħ inħasdu u beżgħu. Tlieta mill-ħamsa baqgħu għassa magħhom filwaqt li l-oħrajn marru Ħaż-Żebbuġ u baqgħu sejrin l-Għassa tal-Pulizija. Hemmhekk infurmaw b'kollox lis-Surġent Frenċ Cauchi. Minnufih il-pulizija u s-surġent telqu fuq il-post akkumpanjati miż-żewġ dilettanti tan-nar. Is-surġent mingħajr tlaqliq kellem lil dawn iż-żewġ żgħażagħ u niżżilhom l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ għal aktar interrogazzjoni. L-aħbar kienet inxterdet malajr fir-raħal u numru mdaqqas ta' membri malajr inġabru.

Kien sar magħruf li ż-żewġ żgħażagħ kienu mis-Siggiewi u s-serqa kienet saret biex huma jaħdmu xi nar għal rashom għal xi festi oħra. Wara l-investigazzjoni l-Pulizija kienet tgħellet lil dawn iż-żewġ żgħażagħ il-Qorti u kienu weħlu l-*Probation Order*.

La ġiet solvuta, din il-ġrajja serrħet ħafna rjus sħan u fissret li s-suspetti kienu naqsu ħafna bejn l-istess dilettanti tan-nar tal-istess kamra tan-nar. Il-kumitat immexxi mill-Prof. Philip Farrugia serraħ rasu wkoll li din is-serqa ma kellha x'taqsam xejn mal-kwistjonijiet interni li kienu għaddejjin f'dak iż-żmien fis-Soċjetà.

## Is-Sena 1955

Fis-sena 1955 ħafna membri kienu qegħdin jaħdmu bi ħġarhom sabiex din tkun il-quċċata tal-piramida ta' suċċessi li l-Għaqda Każin Banda San Filep reġgħet kienet kisbet b'risq il-festa ta' San Filep ta' wara l-gwerra.

Dan kellu jiġri għax il-kumitat ta' din is-Soċjetà kellu f'moħħu li mal-festa tas-sena 1955 jinawgura l-estensjoni tal-bini l-ġdid tal-Każin Banda San Filep.



L-Erba' vittmi tat-traġedja tal-1955

L-istennija u l-entużjażmu kienu kbar. Imma l-inkwiet li kien għaddej fis-Soċjetà kien daħal sewwa u d-differenzi bejn iż-żewġ gruppi ta' membri favur jew kontra l-kumitat kienu ferm evidenti.

U biex l-affarijiet ikomplu jeħżienu, dan l-inkwiet wasal ukoll fil-Kamra tan-Nar San Filep fejn hemmhekk żera' l-firda f'post daqshekk delikat. Dawk il-membri li kienu jaraw biss l-interess tal-festa u tas-Soċjetà Mużikali San Filep bdew jinkwetaw meta fi żmien hekk qrib tal-festi qam furur għall-okkażjoni li beda jġib miegħu preparamenti bis-sħiħ anki minn dawk il-membri li kien waqgħu lura fix-xogħol tagħhom biex kemm l-inawgurazzjoni tal-bini tal-Każin San Filep kif ukoll il-festa ta' San Filep isiru bl-aktar pompa.

Iżda bħal sajjetta fil-bnazzi, nhar Ħamis ix-Xirka, fis-7 ta' April 1955, splodiet il-Kamra tan-Nar tal-Każin Banda San Filep. F'din it-traġedja ħallew ħajjithom erba' membri li kienu John Mary Farrugia ('il-bibillu'), Nenu Debono ('il-paradajs'), Philip Cassar ('simillu') u Philip Xuereb ('il-lilel'). L-Għaqda tathom l-aħħar tislima funebri nhar Sibt il-Għid, waranofsinhar. Fil-jiem ta' wara, il-Każin San Filep iddeċieda li b'rispett lejhom iħassar il-festi esterni ta' San Filep ta' dik is-sena. Għalhekk il-ftuħ tal-bini l-ġdid tal-Każin San Filep ġie pospost għax-xahar ta' Novembru 1955.

Wieħed kien jistenna li d-diżgwid intern fis-Soċjetà kien se jintemm wara d-diżgrazzja iżda dan reġa' tħeġġeġ mill-ġdid. Erba' membri ta' fehma opposta għall-kumitat midħla tal-

kamra tan-nar ħadu bil-moħbi xi nar li ma kienx inħaraq waqt l-isplużjoni u nhar is-Sibt l-1 ta' Ottubru 1955, 6 xhur wara l-inċident fatali, irmewh fil-baħar fl-inħawi ta' Għar Lapsi.

Din kienet azzjoni li qatt ma setgħet tiġi aċċettata. Kaġun t'hekk kibret ir-rabja fost il-membri u l-inkwiet żdied. Tant hu hekk li fl-ewwel seduta ġenerali nhar is-16 ta' Ottubru bl-aġenda "Protesta għan-nom tas-Soċjetà Każin Banda San Filep kontra t-tfigħ tan-nar fil-baħar," ittieħdet deċiżjoni li dawn l-erba' membri jitkeċċew minn soċji.

Madwar tlett ijiem wara dan l-inċident tat-tfigħ tal-logħob tan-nar il-baħar, Ninu Arena li kellu l-laqam tal-'peħħ,' kien informa lil Karmnu Vassallo li l-Pulizija kellhom il-ħsieb li jagħmlu tfittxija għal xi murtali fl-għelieqi u r-razzett tiegħu. Kif diġà semmejna, għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep kont issib numru ta' membri dilettanti tan-nar li kienu jagħżlu li jaħdmu xi murtali għal rashom, 'il barra mill-Kamra tan-Nar San Filep. U l-okkażjoni tal-festa tas-sena 1955 ma kinitx eċċezzjoni. Karmnu Vassallo u xi ħbieb tiegħu kienu ddeċidew li jiġbru bejniethom u jaħdmu 36 murtal tal-murtaletti tas-6 pulzieri dijametru għal rashom fir-razzett tal-istess Karmnu Vassallo. It-taħlita ta' dawn il-murtaletti kien għamilha Filippu Xuereb ('il-lilel'). Billi kienet seħħet l-isplużjoni tal-kamra tan-nar u allura l-festa ma saritx bħala rispett għall-vittmi, dawn il-murtaletti baqgħu ma nħarqux.

Kliem Ninu Arena ħasseb u nkwieta lil Karmnu. Nhar is-Sibt 8 ta' Ottubru, xħin kien għaddej mill-pjazza kien ra lil Ġużeppi Psaila '*s-six pence*' ħdejn l-Ajkla u qallu b'kollox. Karmnu wera l-ħsieb tiegħu li jarmi dawn il-murtaletti fil-bir tar-razzett. Min-naħa tiegħu Ġużeppi Psaila kien tah il-parir li ma jagħmilx hekk għax dawk il-murtali kienu saru minn flus il-benefatturi. Bejniethom kienu qablu li Ġużeppi Psaila kellu jkellem lill-president tal-Każin San Filep l-Avukat Oliver Gulia u jgħarrfu b'kollox.


Salvu Borg mal-murtali tal-kulur fis-sena 1961

Min-naħa tiegħu, il-president tahom parir li l-aħjar mod li jagħmlu hu li huma jsibu kamra tan-nar liċenzjata u jekk is-sidien jaċċettaw jieħdu l-murtaletti hemmhekk. Hawn Karmnu Vassallo kellem lil Ġorġ Debattista li kellu l-laqam ta' 'itlequlha' li miżżewweġ Ħaż-Żebbuġ u li kien joqgħod fl-inħawi tal-Knisja tal-Madonna tad-Dawl. Karmnu staqsa lil Ġorġ jekk hux kuntent li jieħdu dawn il-murtaletti fil-kamra tan-nar tiegħu ġewwa l-Ħandaq. Ġorġ aċċetta li jżommhom hemm. Fuq kollox, qabel il-gwerra, Ġorġ kien ħadem xi nar għall-Kamra tan-Nar San Filep.

Bis-saħħa hekk ġew salvati dawn il-murtaletti li mbagħad kienu ġew maħruqa fil-ftuħ uffiċjali tal-Każin Banda San Filep nhar it-13 ta' Novembru 1955. B'hekk dan ix-xogħol pirotekniku nħaraq b'tifkira ta' dawk is-soċji mgħallmin tan-nar li kienu mietu fit-tragedja tal-Kamra tan-Nar San Filep nhar il-Ħamis 7 t'April 1955.

## Il-Kamra tan-Nar San Filep Terġa' Tinbena

Fl-ewwel xhur tas-sena 1956 għadd ta' membri dilettanti tan-nar reġgħu bdew jirsistu mal-kumitat sabiex mill-ġdid terġa' tinbena l-Kamra tan-Nar San Filep u b'hekk tkompli

bit-tradizzjoni tagħha. Waqt li min-naħa l-kumitat ma setax jibqa' trux għal dak li kienu qegħdin jitolbu l-membri, min-naħa l-oħra kienu jafu li malli tittieħed id-deċiżjoni biex terġa' tinbena l-kamra tan-nar, din kienet sejra tidħol f'perjodu ta' ħafna taħbit sakemm terġa' ġġib il-permessi meħtieġa.

Proprju nhar il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 1956, fis-seduta tal-kumitat kien ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Arċipriet Dun Lawrence Zammit biex jiġi infurmat li l-kumitat kien tal-fehma li għandha tinbena mill-ġdid il-kamra tan-nar fil-Kandlora.

F'seduta li ġġib id-data ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 1956, is-segretarju għarraf lill-membri li l-arċipriet kien aċċetta li jsir il-bini tal-post tan-nar fl-istess għalqa ta' fejn kienet il-kamra tan-nar. Għalhekk il-Każin Banda San Filep għamel rikors bil-kundizzjoni li x-xogħol tan-nar jinħadem għall-festa ta' San Filep biss u jekk ma jsirx hekk ikun hemm multa ta' LM 100 favur tal-Knisja. Fuq l-istess proġett, is-segretarju stqarr li l-arċipriet xtaq li l-kamra tan-nar tinbena post ieħor u kien dispost li joffri LM 100 mill-fondi tal-Knisja għal dan il-bini.


Salvu Borg, Pawlu Psaila u ħuh Ġużepp ma' tnejn oħra qabel il-festa tal-1961 fil-kamra tan-nar tal-Kandlora

Għalhekk intlaħaq qbil biex kummissjoni magħżula mis-Sinjuri Carmel Cascun, Rafel Felici u John Zammit titkellem fuq dan is-suġġett. Ix-xkiel mill-eks-membri tal-każin li kienu tkeċċew ma naqasx u n-numru ta' tentattivi minn dawk li kienu soċji biex jinbena kollox mill-ġdid fallew.

Sabiex jibqa' miexi kollox b'mod regolari, il-kumitat tal-festa magħmul minn membri maħtura mill-Każin San Filep u mill-membri tal-kleru ġew maħtura bħas-snin l-imgħoddija taħt it-tmexxija tal-arċipriet biex flimkien jieħdu ħsieb il-festa ta' San Filep tas-sena 1956. Fl-ewwel laqgħa li saret, dan il-kumitat ħatar lil Salvu Borg biex jiftiehem ma' Ġakki Farrugia tal-Qrendi biex mingħandu jixtri żewġ kaxxi nfernali, waħda tal-ħruġ u l-oħra għad-dħul, biex b'hekk il-festa ma jonqosha xejn.

Fil-frattemp inqalgħet problema oħra, dik tal-post tal-ħruq. Irridu niftakru li f'din l-epoka tal-inċident tal-kamra tan-nar, kienu ġraw inċidenti oħra u li dawn kienu wasslu lill-awtoritajiet ċivili biex jissikkaw ir-regolamenti u anke saħansitra nżammu l-permessi tal-għelieqi tal-ħruq tan-nar. Kien għalxejn li l-kumitat iddiskuta mal-ispettur tad-distrett. Salvu Borg, li kien midħla sew tal-Knisja u kien jaf sewwa s-saħħa tal-istruttura tal-bejt tagħha qatagħha li jaħarquhom minn hemm fuq. Wara li qies il-konsegwenzi kollha, Salvu għarraf lil Ġakki bil-ħsieb tiegħu u tarraf kollox lill-arċipriet. Għall-ewwel l-arċipriet ma tantx ħa ġost iżda meta ra li Salvu, f'isem il-każin kien daħal għal din il-biċċa tax-xogħol bl-akbar għaqal u kien ħaseb għal kollox, għażel li jħallih.

Il-preparamenti tal-kanen u l-armar tal-injam biex iserrħu x-xogħol fuq il-ħitan diviżorji u mhux fuq ix-xorok, ġew armat f'ħinijiet li ma jagħtux fil-għajn. Min-naħa l-oħra, b'attenzjoni kbira, it-tempijiet inħadmu doppji biex il-murtali ma jfallux. Il-jum wasal. Hekk kif l-istatwa ta' San Filep ħarġet 'il barra mill-bieb tal-Knisja Arċipretali u straħet

fit-tarf taz-zuntier bejn l-iljuni nħarqet il-kaxxa. Din ingħoġbot mhux ftit. Ix-xogħol kien irnexxa u hekk sar ukoll fid-dħul bil-ħruq tal-kaxxa tal-kulur. Il-prosit kien ħadha Salvu Borg u l-arċipriet feraħlu kemm-il darba. Il-Każin San Filep kien kburi b'dak li kien seħħ u hekk kienet saret il-festa ta' San Filep tas-sena 1956 b'xi ħaġa mhux mistennija.[16]

Fl-istess żmien kien għadu kif inħatar kumitat ġdid u dan l-istess kumitat kien ħareġ avviż sabiex iħajjar soċji jidħlu membri fil-kumitat tal-festa. Għal dan il-kumitat inħatru s-Sinjuri Salvu Borg, Salvu Chetcuti, Joseph Psaila u Gejtan Mallia. L-ewwel biċċa xogħol li wettaq dan il-kumitat tal-festa kienet ġabra għall-bini tal-kamra tan-nar. Din saret nhar il-festa ta' San Ġużepp u fis-seduta tal-kumitat ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju 1957, is-Sur David Farrugia ħabbar li s-somma miġbura kienet ta' LM 52-15s-1d.


Xogħol tan-nar maħdum f'Gianpula

Billi issa l-kumitat tal-festa kien inħatar, il-kummissjoni li kellha tirrappreżenta lis-Soċjetà mal-arċipriet fuq l-istess suġġett ġiet magħmula minn membri tal-kumitat eżekuttiv u mill-kumitat tal-festa. Il-laqgħa kienet saret nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu 1957. Fis-seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu 1957, il-president għarraf lill-kumitat li "L-arċipriet aċċetta li l-kmamar jinbnew fl-istess post fejn kienu imma l-kumitat irid jieħu ħsieb iġib il-permessi meħtieġa mingħand l-awtorità ċivili, bl-ispejjeż kollha għall-kumitat. Il-kumitat approva dan l-arranġament. Deċiżjoni għaqlija oħra li ttieħdet kienet li l-Avukat Joseph Borg jinħatar "*Hon. Legal Advisor*" tal-Każin Banda San Filep u jkun membru fil-kumitat tal-festa. Nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 1957, fil-laqgħa tal-kumitat li saret, kemm l-Avukat Joseph G. Borg kif ukoll il-membri kollha tal-kumitat tal-festa ġew mistiedna biex jidħlu għal din id-diskussjoni li l-għan tagħha kien li jiġi fformulat ir-rikors biex tigi akkwistata l-art tal-għalqa tal-Kandlora fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ.

Diversi nies, fosthom Pawlu Agius u Salvatore Borg u l-Arċipriet Lawrenz Zammit insistew mhux ftit biex isibu lil xi ħadd li jieħu l-permess tal-Kamra tan-Nar San Filep fuq ismu. L-akbar ostaklu sar minn dawk l-individwi li kienu tkeċċew mis-Soċjetà. Huma għamlu kemm setgħu billi xewxu lid-dilettanti Filippini u lis-soċji tal-każin kontra dan l-għan u dan biex ifixklu lis-Soċjetà imma kull tentattiv biex dan iseħħ falla. F'dan ir-rigward il-Każin San Filep kien tal-fehma li l-unika ħaġa li setgħet issir f'dawn iċ-ċirkustanzi kienet li jintlaħaq ftehim bejn il-każin u l-arċipriet u bil-miktub is-Soċjetà tieħu r-responsabbiltà sħiħa tal-kamra tan-nar. B'dan il-mod intlaħaq ftehim bejn il-każin u l-arċipriet u b'hekk is-*St. Philip Fireworks Factory* kellha terġa' tinbena fejn kienet iżda b'differenza waħda; li din tkun amministrata mill-Għaqda Każin Banda San Filep.

Nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 1958 fis-seduta tal-kumitat u fil-preżenza tal-membri tal-kumitat tal-festa, il-President Dr. Oliver Gulia għalaq dan il-kapitlu dwar il-bini mill-ġdid tal-kamra tan-nar billi rringrazzja għan-nom tal-kumitat lis-Sur Gawdenz Tanti, lil Ġużeppi Psaila, lil Salvu Borg u lil dawk kollha li għenu għall-ġbir tal-flus għall-kmamar tan-nar.

Dakinhar inħatar ukoll sottokumitat magħmul mis-Sinjuri David Farrugia, Salvu

Borg, Gawdenz Tanti u Giuseppe Psaila biex jieħu ħsieb dak kollu neċessarju, rigward il-bini ta' din il-fabbrika, inkluż aktar ġbir ta' fondi. Il-perit inkarigat kien Louis Naudi. Sabiex jgħinu wkoll lil dan is-sottokumitat ġew avviċinati ż-żewġ membri s-Sinjuri Salvu Chetcuti u Gejtan Mallia. Ix-xogħol tal-bini tħalla f'idejn il-Bennej Feliċ 'ta' Martin,' in-Naġġar Gawdenz Tanti u r-Reffiegħ Salvu Borg waqt li għall-bini tal-ħajt ta' madwar il-kmamar ġew imqabbdin tlieta min-nies mis-Siġġiewi.


Karmenu Cardona u Ġużepp Balzan iħawlu l-kanen fl-għalqa tal-ħruq

Fis-sena 1958 il-Gvern Kolonjali Ingliż kien neħħa r-restrizzjonijiet imposti fuq il-kmamar tan-nar u l-ħruq tan-nar fil-festi. Is-*St. Philip Fireworks Factory* issa kienet mibnija mill-ġdid. Minnufih bdiet taħseb għan-nar tal-ajru. Il-ħarqa kienet tkun magħmula min-numru ta' murtaletti, murtali tal-bomba u murtali tal-kulur u din dejjem akkumpanjat il-funzjonijiet tal-Knisja. Din it-tmexxija ħajret membri oħra dilettanti li minn sena għall-oħra baqgħu jiżdiedu, minbarra li kont għadek issib ħafna gajjijiet li jagħżlu li jaħdmu n-nar barra mill-kamra tan-nar b'mod privat. Il-logħob tan-nar tal-art kien jiġi ordnat barra Ħaż-Żebbuġ.

## Il-Festa tal-Banda San Filep 1851 – 1961

Mal-festa ta' San Filep tas-sena 1961, il-Każin San Filep għamel ukoll il-festa t'għeluq il-110 snin mit-twaqqif tal-Banda San Filep. Matul dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, is-*St. Philip Fireworks Factory* wettqet esebizzjoni spettakolari għal dak iż-żmien ta' murtali tal-beraq aluminjati u murtali tal-kulur mill-aqwa. Wara din il-festa li rnexxiet sew, il-firxa dejjem ikbar tal-kwalità fil-kwantità tan-nar reġgħet bdiet kull sena ssebbaħ bil-kif il-festa ta' San Filep. Il-qasam tax-xogħol tan-nar fil-Kamra ta' San Filep tal-Kandlora kien qiegħed dejjem jitjieb u dan kien dejjem qiegħed jagħti riżultati itjeb minn ta' qabel.

Wara madwar għaxar snin ta' ħidma l-permess tan-nar għadda minn idejn Paolo Psaila għal idejn Carmelo Attard filwaqt li l-imfietaħ ta' din il-fabbrika kienu ġew miżmuma minn Philip Gauci. Dawn l-inkarigati mit-taqsima nar Każin San Filep, kien daħħlu l-użanza biex hekk kif tkun spiċċat il-festa jaħsbu għall-festa li tkun ġejja billi jiġu organizzati għadd ta' attivitajiet bħal xi sparatura fuq il-plattini, żjajjar għal Għawdex u tombli. Meta mbagħad is-sajf kien jasal fi tmiemu, il-ħaddiema tal-logħob tan-nar kienu jibdew jaħdmu bla waqfien sabiex il-festa li tkun ġejja ma jkun jonqosha xejn u dan il-ġbir mill-attivitajiet kien jagħmlilhom kuraġġ għax ikun inġabar bil-quddiem biex ix-xogħol kien jibqa' għaddej.

Inċident sfortunat li fih kien korra Philip Gauci kien wassal sabiex huwa jirtira mill-kamra tan-nar. Però Philip Gauci jibqa' mfakkar għal kemm kien bniedem dixxiplinat fuq xogħlu. Hu kien jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa bis-serjetà biex f'każ ta' inċident il-korrimenti jkunu mill-inqas possibbli. Kieku ma kienx hekk, il-konsegwenzi tal-inċident tiegħu kienu jkunu ferm agħar.

Fix-xhur ta' wara li kienet għaddiet il-festa tas-sena 1969, il-kamra tan-nar ġiet imkabbra

bil-bini ta' żewġt ikmamar oħra u wara numru ta' snin nieqes reġa' beda jinħadem mill-ġdid in-nar tal-art. Biex dan jerġa' jibda jsir kien irsista ħafna is-Sur David Farrugia li flimkien mat-taqsima nar tal-Każin Banda San Filep kienu sabu ħafna għajnuna mingħand is-Sur Abel Xuereb li kien ipprovda r-riċetti tal-funtani tat-tidwir u tal-kulur, gassijiet ta' kull kulur u dak kollu neċessarju biex dan ix-xogħol seta' jsir. Ix-xogħol tal-injam, tad-disinji u tar-roti kien daħal għalih Philip Agius wara li Gejtan Mallia kien ipprovda l-injam.

F'dan iż-żmien il-permess tal-manifattura tan-nar għadda f'idejn Joseph Fenech. Kien żmien meta l-logħob tan-nar żdied sewwa speċjalment f'dawk il-festi meqjusa speċjali bħalma huma l-festi anniversarji tal-statwa ta' San Filep, il-festi anniversarji tar-relikwa ta' San Filep, il-festi ta' għeluq il-125 sena tal-Banda San Filep fis-sena 1976 u oħrajn. Il-logħob tan-nar maħdum għal dak li hu kwantità dejjem spikka aktar minn ta' snin oħra.

Tajjeb hawnhekk li ngħidu li fis-sena 1976 għall-okkażjoni tal-ħruġ min-niċċa tal-istatwa ta' San Filep, meta l-Għaqda Każin Banda San Filep iċċelebrat il-125 sena tal-banda tagħha, inzerta li kien ġie ttrasferit il-Karnival għax dak iż-żmien kien isir f'Mejju u l-festa ta' San Filep kienet għadha ssir l-ewwel Ħadd fuq it-12 ta' Mejju. Allura sabiex il-festa ma jkollhiex impatt daqshekk negattiv miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival, il-ħruġ tal-vara ta' San Filep min-niċċa kif ukoll il-marċ tal-Banda San Filep saru s-Sibt 8 ta' Mejju 1976. Qabel il-programm mużikali kbir tal-okkażjoni kien sar marċ a la Venezjana. Niftakar kont ippreparajt numru ta' stilel tal-kartun u żbajthom suwed bil-karti kkuluriti li ħolqu aspett sabiħ xħin inxtegħlu. Konna erġajna ħriġniehom fil-marċ tat-tieni tridu. Dan il-marċ kien beda minn Misraħ Muxi u tul it-triq kien akkumpanjat minn ħruq ta' murtaletti. Imbagħad waqt il-programm mużikali taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Philip Gatt tkompliet is-serata b'esebizzjoni ta' beraq pront u murtali tal-kulur flimkien ma' kaxxa nfernali tal-kulur għal okkażjoni hekk memorabbli li kienet intemmet b'wirja kbira tal-logħob tan-nar tal-art.


Nar tal-ajru f'Gianpula

Fis-snin ta' wara, l-awtoritajiet ċivili kienu ddeċidew li l-ġimgħa tal-festa esterna kellha tibda tiġi organizzata mill-ġurnata tat-Tnejn u allura l-esebizzjoni tan-nar tal-art li kienet l-akbar ħarqa tal-Kamra tan-Nar San Filep bdiet issir nhar il-ġimgħa fl-aħħar jum tat-tridu. Il-Pulizija kienu ħarġu l-permess biex il-Każin San Filep jaħraq in-nar fil-jum tal-Ġimgħa tal-festa – l-aħħar jum tat-tridu. Dan seħħ madwar tletin sena ilu. Hekk bdiet il-wirja tan-nar tal-art il-Ġimgħa.

Fis-snin tmenin il-festa ta' San Filep min-naħa tal-Każin San Filep kompliet tikber u man-nar tal-art li kien jinħaraq il-Ħamis u l-Ġimgħa beda jinħaraq ukoll in-nar tal-art fil-jum tat-Tlieta wara li kien jidħol il-marċ. Għal numru ta' snin kienet issir ukoll wirja oħra tan-nar tal-art sabiex tagħlaq jum il-festa ta' San Filep wara li kien jispiċċa l-marċ tal-aħħar mill-Banda San Filep. Din ma baqgħetx issir peress li l-Pulizija jikkunsidraw li l-festa tispiċċa f'nofsillejl tal-Ħadd.

## Programm Tipiku tal-Festa


Aktar nar f'Gianpula

Il-programm tipiku tax-xogħol tan-nar maħdum fis-*St. Philip Fireworks Factory* minn sena għall-oħra matul is-snin sebgħin u tmenin kien jitwettaq kull sena kif ġej:

- Il-festa ta' San Filep kienet meqjusa li tibda mill-aħħar Hamis (kif kien magħruf dan il-jum tal-ġimgħa ta' qabel il-jiem uffiċjali tal-festa) u allura kien isir il-ħruq tal-musketterija minn fuq il-bejt tal-Każin San Filep u jinħarqu wkoll il-murtali.
- Fil-ħruġ tal-istatwa min-niċċa kien jinħaraq salut ta' murtali u l-Banda San Filep kienet tagħmel marċ minn Triq il-Kbira sal-każin filwaqt li l-murtali u l-murtaletti kienu jakkumpanjaw il-marċ. Għal xi d-9.30 ta' filgħaxija kien isir il-ħruq ta' murtali tal-kulur u wara għall-ħabta tal-10.00 ta' filgħaxija kienet issir il-ħarqa l-kbira tan-nar tal-art hekk kif jispiċċa l-programm mużikali tal-Banda San Filep.
- Matul it-tlett ijiem tat-tridu kienu jinħarqu l-musketterija u l-murtali. Magħhom kienet tiżdied ħarqa kbira tan-nar tal-art li kienet issir il-Ħamis, fit-tieni jum tat-tridu.
- Għal-lejlet il-festa, waqt it-Te Deum kienet tinħaraq musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti u waqt it-transulazzjoni, salut, musketterija, kaxxa Spanjola, murtali u murtaletti. (Dawn kien jinħarqu biss min-naħa tal-Każin San Filep.) Il-marċ mill-Banda San Filep kien ikun ukoll akkumpanjat minn murtaletti. Waqt il-programm mużikali mill-Banda San Filep kienet issir il-ħarqa kbira ta' beraq pront u murtali tal-kulur.
- Jum il-festa kien jisbaħ mal-marċ ta' filgħodu mill-Banda San Filep billi kienu jinħarqu l-kaxxa nfernali, il-murtali u l-murtaletti. F'xi okkażjonijiet kien jinħaraq salut ta' 21 murtal fit-8.00 ta' filgħodu. Waqt il-purċissjoni mbagħad kien jinħaraq salut, kaxxa Spanjola bil-murtaletti u ħruq kbir ta' settijiet ta' murtaletti li biż-żmien bdew jiġu introdotti murtali bil-logħob u ħsejjes differenti. Xħin kien jidlam kif wieħed kien jistenna kienu jiġu maħruqa l-beraq pront, murtali tal-kulur u kaxxa tal-kulur.

Il-Kamra tan-Nar San Filep tal-Kandlora kienet minn tal-bidu nett li bdiet u kellha l-liċenzja tal-kmamar tan-nar kemm għal Malta kif ukoll Għawdex u għalhekk hi dejjem kellha l-permess meħtieġ għall-manifattura tal-logħob tan-nar. F'dan ir-rigward hi kienet ewlenija.

## Kamra tan-Nar Ġdida f'Ħal Qdieri

L-awtoritajiet tal-Pulizija rrifjutaw li jġeddu l-permess għax-xogħol tan-nar fil-Fabbrika San Filep tal-Kandlora minħabba li kienu raw li l-bini li tela' qorob ħafna lejha.

Dan kien ġara fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar t'Ottubru 1982 permezz ta' ittra uffiċjali mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija li ġġib id-data tat-8 ta' Ottubru fejn il-kumitat tal-Każin San Filep ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Pulizija li ma ġġeddidx il-permess għal xogħol tan-nar fil-kamra tan-nar tal-Kandlora. Għalhekk il-Każin Banda San Filep kellu

jaħseb għal kamra tan-nar oħra...proġett ġdid li kien sar neċessarju.

Kienu ħafna l-inħawi li d-diriġenti tal-Għaqda Każin Banda San Filep marru jaraw.

Immedjatament kien inbeda x-xogħol sabiex tiġi akkwistata l-art li fuqha tkun tista' tinbena l-kamra tan-nar ġdida. Meta huma għarblu kollox, dehrilhom li l-inħawi ta' Ħal Qdieri kienu l-aktar addattati sabiex fuqhom tinbena kamra tan-nar ġdida. Minħabba f'hekk kienu saru bosta laqgħat ma' diversi bdiewa u fl-aħħar f'Mejju 1983 is-Segretarju s-Sur Victor Bonnici kien informa lill-kumitat li kien laħaq ftehim ma' żewġ bdiewa biex isir it-tpartit ta' xi raba' u b'hekk il-Każin San Filep ikun jista' jakkwista l-għalqa meħtieġa b'kumpens ta' LM 300.

Fil-laqgħa tal-kumitat tat-22 ta' Ġunju 1983, is-segretarju informa lill-membri li l-preparamenti għat-trasferiment tal-għalqa issa kienu lesti u kulma kien jonqos kien li jitwettqu. Fil-15 ta' Settembru 1983 is-segretarju għarraf lill-kumitat li l-Każin San Filep kien akkwista l-art biex tinbena l-kamra tan-nar f'Ħal Qdieri, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ u b'hekk inbeda kapitlu ġdid għal Kamra tan-Nar San Filep.

*Ħajr lil Dr. Godfrey Farrugia u lis-Sur Tarcisio Mifsud.*

**Referenzi u Notamenti:**

[1] Charles Clews, "Il-logħob tan-nar tal-festi ilu jsir ħafna" fil-magażin *Il-Ħadd* tat-13 ta' Ġunju 1999.

[2] Luret Valla - Storja ta' Ħaż-Żebbuġ – Editur Mons. L. Cachia pubblikazzjoni tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ.

[3] P. P. Castagna, L-Istoria ta' Malta bil-Gżejjer tahha, Vol 2, pġ 119-121.

[4] Hu ta' interess li wieħed jinnota li meta l-użu ta' dawn il-maskli ma kienx baqa' jsir minħabba li bdew isibuhom ta' periklu, il-bronż tagħhom kien ġie maħdum u riċiklat f'armar li għadna naraw u ngawduh sal-lum matul il-ġranet tal-festa ta' San Filep, pereżempju mal-pilastri tan-navi fil-korsija tal-Knisja Arċipretali. Dan l-armar tal-bronż hu maħdum bil-forma li minbarra jirrappreżenta siltiet mill-ħajja ta' San Filep hu magħmul b'tali mod li jżomm il-lanterni, il-Kurċifissi u d-domni tal-fratellanzi li flimkien mal-istandardi jsebbaħ il-korsija tal-istess knisja armata għall-festa.

[5] Dun Salv Caruana,"Ġrajjiet u Tifkiriet mill-Imgħoddi" f'paġna 137 tal-ktieb "Ħaż-Żebbuġ – Storja, Memorja u Identità'" – Editur Philip E. Said – Pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ.

[6] Raymond Saliba "Il-festa ta' San Filep bejn l-1814 u l-1841," pubblikazzjoni tal-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851 – Festa 2006.

[7] Charles Coleiro – "Il-Festi Tagħna" – Paġna 51 'Il-Logħob tan-Nar' - Pubblikazzjoni Indipendenza – Malta 2003.

[8] Tagħrif miġbur mingħand bdiewa tal-inħawi fosthom Frenċ Vassallo li rrakkontawh kif semgħuh minn dawk li kienu ġew qabilhom.

[9] Waqt programm fuq Radju Malta Nazzjonali mmexxi mis-Sur P.P. Ciantar bl-isem ta' "Qratas tal-Karamelli."

[10] Dr. Philip Sciortino jintervista lil missieru Pawlu – Pubblikazzjoni tal-Għaqda Każin Banda San Filep – Festa 2001.

[11] Tagħrif mgħoddi lill-Kittieb Philip Agius mingħand Missieru Pawlu.

[12] Tagħrif mill-ktieb tal-Kaxxier Każin Banda San Filep rapport finanzjarju ta' festa doppja.

[13] F'inċident fatali dan Filippu Abdilla ma' żewġ sħabu oħra kienu nħarqu u mietu fis-sena 1937. Tagħrif dwar il-Ġrajja tal-Banda Santa Marija – Imqabba.

[14] "*Occurence Book*" 1938 – tal-Pulizija tal-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ.

[15] Tagħrif miġbur minn Philip Balzan waqt intervista ma' Salvu Borg.

[16] Intervista tas-Sur Philip Balzan mas-Sur Salvu Borg.

*Nota tal-editur: Din kienet l-ewwel parti mill-kitba ta' Philip Agius dwar in-nar tal-festa ta' San Filep u l-Kamra tan-Nar San Filep tal-Kandlora. Dawn il-kmamar huma propjetà tas-Soċjetà u għadhom jintużaw biex jinħażen materjal mhux splussiv tan-nar. It-tieni parti ta' din il-kitba tkompli fi ktieb ieħor tal-festa.*